**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 16/10VG**

**Edward sive Eddie Balzan**

**Vs**

**Rainbowmix Concrete Limited**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Edward sive Eddie Balzan fil-21 ta' Jannar 2010, permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Rainbowmix Concrete Limited tigi ikkundannata thallus s-somma ta' ghaxart elef seba' mija tmienja u tmenin Euro u hdax-il centezmu (€10,788.11) rapprezentanti in kwantu ghal ghaxart elef sitt mija tnejn u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€10,652.42) bilanc ta' prezz ta' varji servizzi rezi lill-imsemmija socjetà fuq inkarigu taghha, fosthom is-servizzi ta' *project management, quality surveying* u *land surveying*, inkluza l-VAT, u in kwantu ghal mija hamsa u ghoxrin Euro u disa' u sittin centezmu (€125.69) spejjez inkorsi minnu fl-espletazzjoni ta' tali servizzi, bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta' Jannar 2010, id-data tal-prezentata ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-socjetà Rainbowmix Concrete Limited, sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, kontra s-socjetà Rainbowmix Concrete Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Rainbowmix Concrete Limited permezz ta' liema teccepixxi illi: (i) l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv, esorbitanti u mhux dovut; u (ii) l-attur ghandu fil-pussess tieghu apparat li huwa proprjetà taghha minghajr il-kunsens jew permess taghha, fosthom *laser range meter* tad-ditta "Hilti" kif ukoll *digital camera* tad-ditta "Sony", li flimkien ghandhom valur komplessiv ta' €2,608, liema valur ghandu jigi imnaqqas minn kwalunkwe somma verjuri li l-Qorti tista' tiddikjara li hija minnha dovuta lill-attur;

Rat il-Kontro-Talba tas-socjetà Rainbowmix Concrete Limited permezz ta' liema tippremetti li l-attur huwa debitur taghha fis-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro (€11,646), somma minnha bonarjament ridotta minn ammont akbar, rapprezentanti l-prezz ta' hazna ossia *warehousing* ta' ingenji u vetturi fosthom zewg trakkijiet, tower crane, scaffolding u gaffa gewwa Wied Incita, Rabat Road, Attard, liema ingenji gew minnha mahzuna fi proprjetà taghha fuq talba w a beneficcju ta' l-attur minn Awwissu tas-sena 2001 sa' llum;

Rat ir-Risposta ta' l-attur ghall-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) it-talba rikonvenzjonali avvanzata mis-socjetà konvenuta hija proceduralment insostenibbli stante li ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati mill-Artikolu 396 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) is-socjetà konvenuta ghandha tipprova li hija s-sid ta' l-art li fiha jinsabu l-ingenji imsemmija fit-talba rikonvenzjonali taghha; (iii) it-talba rikonvenzjonali hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(c) u/jew (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) qatt ma kien miftiehem li kellu jigi mwettaq xi forma ta' hlas ossija korrispettiv ghat-tqeghid ta' l-ingenji, tant illi l-ewwel darba li saret talba ghall-hlas kien biss mal-prezentata tat-talba rikonvenzjonali. It-talba rikonvenzjonali ghalhekk hija tentattiv da parte tas-socjetà konvenuta biex ixxejjen it-talba legittima u gustifikata tieghu sabiex thallas l-ammonti minnu pretizi;

Rat ir-rendikont tat-talba ta' l-attur esebit mill-istess attur waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2010 a fol. 18 u 19 tal-process, rat l-affidavit ta' l-attur esebit permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Ottubru 2010 a fol. 25 sa' 28 tal-process u rat l-affidavit ulterjuri ta' l-attur u d-dokumenti annessi mieghu pprezentati waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, semghet ix-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduti tal-15 ta' Novembru 2010[1], tad-29 ta' Marzu 2011[2], tas-7 ta' Lulju 2011[3] u ta' l-10 ta' Novembru 2011[4], rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 36 sa' 92 tal-process u d-dokument esebit waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 da parte tad-difensur tas-socjetà konvenuta a fol. 150 sa' 151 tal-process markat Dok. "AS1" u d-dokument ukoll esebit mid-difensur tas-socjetà konvenuta waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011 markat Dok. "AS2" a fol. 157 tal-process, rat in-Nota tas-socjetà konvenuta pprezentata waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2011 a fol. 95 u 96 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Mejju 2011 a fol. 146 sa' 148 tal-process, rat l-original tad-dokument Dok. "AS2" u l-affidavit ta' Marc Aquilina u d-dokumenti annessi mieghu lkoll esebiti mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fis-16 ta' Jannar 2012 a fol. 161 sa' 173 tal-process, rat l-affidavit ta' Alfred Ciantar esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Frar 2012 a fol. 174 sa' 177 tal-process, semghet ix-xhieda

[1] Fol. 93 tal-process.
[2] Fol. 145 tal-process.
[3] Fol. 152 sa' 155 tal-process.
[4] Fol. 158 u 159 tal-process.

ta' Alfred Ciantar moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2012[5] u x-xhieda ta' Marc Aquilina moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Lulju 2012[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturipprezentata fl-4 ta' April 2013 a fol. 1919 sa' 199 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta ipprezentata fis-7 ta' Ottubru 2013 a fol. 202 sa' 215 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu is-somma komplessiva ta' €10,788.11 rapprezentanti in kwantu ghal €10,652.42 bilanc ta' prezz ta' varji servizzi minnu rezi lis-socjetà konvenuta fuq inkarigu taghha stess, fosthom servizzi ta' *project management, quality surveying* u *land surveying,* inkluz il-VAT, u in kwantu ghal €125.69 rapprezentanti spejjez inkorsi minnu fl-espletazzjoni ta' tali servizzi. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzjonijiet illi: (i) l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv, esorbitanti u mhux dovut; u li (ii) l-attur ghandu fil-pussess tieghu apparat li huwa proprjetà taghha minghajr il-kunsens u l-permess taghha, fosthom *laser range meter* tad-ditta 'Hilti' u *digital camera* tad-ditta 'Sony', liema apparat flimkien ghandu valur kumplessiv ta' €2,608 u dana l-ammont ghandu jitnaqqas minn kwalunkwe somma li l-Qorti tista' tiddikjara li hija minnha dovuta lill-attur.

Is-socjetà konvenuta ressqet ukoll Kontro-Talba fil-konfront ta' l-attur fejn tippremetti li l-istess attur huwa debitur taghha fl-ammont ta' €11,646, somma bonarjament ridotta minn ammont akbar rapprezentanti l-prezz ta' hazna ossia *warehousing* ta' ingenji u vetturi fosthom zewg trakkijiet, tower crane, scaffolding u gaffa gewwa Wied Incita, Rabat Road, Attard, proprjetà taghha, fuq talba w a beneficcju ta' l-attur minn Awwissu tas-sena 2001 sa' llum. L-attur da parte tieghu jilqa' ghall-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta bl-eccezzjonijiet li: (i) il-Kontro-Talba hija proceduralment insostenibbli stante li ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 396 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) is-socjetà konvenuta trid tipprova li hija effettivament sid l-art li fiha jinsabu l-ingenji imsemmija minnha; (iii) il-Kontro-Talba hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 (c) u/jew (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iv) qatt ma kien miftiehem li kellu jigi mwettaq xi forma ta' hlas ossia korrispettiv ghat-tqeghid ta' l-ingenji, tant illi l-ewwel darba li qatt saret tali talba kien biss mal-prezentata tal-Kontro-Talba. Huwa evidenti li s-socjetà konvenuta ressqet il-Kontro-Talba bl-iskop uniku li tipprova xxejjen it-talba legittima u gustifikata tieghu.

---

[5] Fol. 180 u 181 tal-process.
[6] Fol. 183 sa' 187 tal-process.

In sostenn tat-talba attrici l-attur, oltre li xehed huwa stess[7], esebixxa rendikont ta' l-ammont minnu pretiz[8] flimkien ma' *time sheets*, ricevuti[9] u notamenti mid-*diary* tieghu[10] bhala konferma ta' dak l-ammont. Minn din ix-xhieda u d-dokumenti esebiti jirrizulta li skond l-attur sad-9 ta' Jannar 2008 huwa kellu jiehu minghand is-socjetà konvenuta s-somma ta' €5,108.92, tul is-sena 2009 huwa kellu jiehu minghand is-socjetà konvenuta s-somma ta' €3,910.10 flimkien mas-somma ulterjuri ta' €125.69 rapprezentanti l-uzu tal-*mobile phone* – li komplessivament jammontaw ghal €9,144.71 u flimkien ma' l-VAT fl-ammont ta' €1,623.42 jigu ghal **€10,768.13**.

Is-socjetà konvenuta da parte taghha tikkontendi li: (i) is-somma minnha dovuta lill-attur sad-9 ta' Jannar 2008 tammonta ghal €2,000 u mhux iktar; (ii) is-somma minnha dovuta lill-attur sat-28 ta' Marzu 2009 tammonta ghal €2,588.22 u mhux iktar; u li (iii) l-ammonti l-ohra reklamati mill-attur ma humiex minnha dovuti in kwantu jew rapprezentanti spejjez li ma kellhomx jigu rifuzi minnha skond il-ftehim li kellha ma' l-attur u/jew rapprezentanti servizzi ghal xoghlijiet li ma setghux jigu vverifikati peress li l-attur isottometta t-*time sheets* relattivi tard wisq[11]. B'hekk tikkontendi li s-somma qual' volta dovuta lill-attur hija dik ta' €3,588.22, in kwantu kien sar pagament akkont ta' €1,000, u dana bla pregudizzju ghall-valur ta' l-apparat li tikkontendi li jinsab fil-pussess ta' l-attur, liema valur ghandu se mai jitnaqqas minn din is-somma, u ghall-pretensjoni taghha ghall-hlas ta' korrispettiv ghall-hazna ta' ingenji fi proprjetà taghha fuq talba w a beneficcju ta' l-attur.

Fir-rigward tas-somma ta' €2,000 li skond is-socjetà konvenuta huwa l-ammont dovut lill-attur sad-9 ta' Jannar 2008, Marc Aquilina, Direttur ta' l-imsemmija socjetà, iddikjara li: *lejn l-ahhar ta' Dicembru 2007, jien u s-Sur Balzan konna poggejna madwar mejda u qbilna dwar il-bilanc li kien dovut lilu sa' dakinhar. Dan il-bilanc kien ta' Lm1,500, ekwivalenti ghal circa €3,500. F'dan ir-rigward jien u Edward Balzan konna ffirmajna wkoll ftehim, li kopja tieghu giet esebita bhala Dok. AS1 fl-atti tal-kawza li, kif ser nispjega, aktar tard, is-Sur Balzan sussegwentement intavola kontra l-kumpannija Rainbowmix. Wara li qbilna fuq dan l-ammont ahna konna ghamilna wkoll pagament ta' €1,500 nhar id-9 ta' Jannar 2008, biex b'hekk il-bilanc nizel ghal €2,000. Fl-istess imsemmija data, is-Sur Balzan kien ukoll iffirma ricevuta li tikkonferma l-istess imsemmi ammont ta' €2,000, li kopja taghha wkoll giet esebita bhala Dok. AS 2 fl-atti ta' l-istess imsemmija kawza. Irrid nippreciza illi parti mill-ftehim ta' l-ahhar ta' Dicembru 2007, kienet tinkludi wkoll kwistjoni li dak iz-zmien ahna kellna pendenti mal-kumpanija G&P Borg. Irrid nispjega illi l-kumpannija Rainbowmix kienet iffurmat joint venture ma' din il-kumpannija dwar progett partikolari. Kien sar qbil illi s-Sur Balzan kien ser jaghti s-servizzi tieghu lil din il-joint venture*

[7] Affidavit a fol. 26 sa' 28 tal-process u affidavit ulterjuri a fol. 98 sa' 100 tal-process.
[8] Fol. 18 u 19 tal-process.
[9] Fol. 36 sa' 92 tal-process.
[10] Fol. 102 sa' 144 tal-process.
[11] Nota tas-socjetà konvenuta a fol. 95 u 96 tal-process.

*u ghalhekk, fl-ahhar ta' Dicembru 2007, jien u s-Sur Balzan konna qbilna li tas-servizzi li huwa kien ta' f'dan ir-rigward, huwa kellu jithallas direttament mill-imsemmija joint venture u mhux mill-kumpanniji taghna. Fil-fatt, qed nipprezenta dokument bhala Dok. MC2 li jixhed il-konteggi li kont ghamilt jien b'total ta' Lm1,054.00, u bil-konteggi li kien ghamel is-Sur Balzan b'total ta' Lm1,374.06, wara li huwa kien inkluda wkoll is-somma ta' Lm288 bhala travelling expenses li eventwalment kienu gew accettati mill-kumpanniji. L-iktar haga importanti li jixhed dan id-dokument huwa li s-Sur Balzan kien, fil-konteggi tieghu, qabel illi titnaqqas is-somma ta' Lm1,296.53 li kienet proprju s-somma li huwa kien qieghed jghid li ghandu jiehu minghand il-joint venture ma' G&P Borg*[12].

L-attur da parte tieghu kategorikament jichad dak affermat minn Marc Aquilina. In effetti fl-affidavit ulterjuri tieghu esebit a fol. 98 sa' 100 tal-process l-attur jikkontendi li *kif jirrizulta mill-anness Dokument ED1* (fol. 101 tal-process) *jiena kont ipprezentajt lil Mark Aquilina b'rendikont ta' dak li kien ghadu dovut lili sa' l-ahhar tas-sena 2007. Sa' dakinhar il-bilanc li kelli nithallas kien jammonta ghal LM2836.45c ekwivalenti ghal €6,608.92c. L-unika skuza li qajjem Mark Aquilina sabiex ma jhallasnix kien li skond hu Rainbowmix Concrete Limtied ma kenitx giet imhallsa minn GP Borg, hekk kif jidher minn notament maghmul fuq l-istess Dokument ED1 bil-lapis minn Mark Aquilina stess. Hu kien qal li peress li ma kienx thallas minghand GP Borg huwa ma kienx ser ihallasni ta' kollox, u bil-lapis irranga l-kont kif deherlu hu. Ghalija dan ma kien fl-ebda mod accettabbli peress li jiena kont nithallas dejjem minghand Rainbowmix Concrete Limited u l-hlas tieghi ma kien fl-ebda mod dipendenti minn kwalunkwe hlas li seta' kellhom iwettqu GP Borg. Jiena fil-fatt ma kontx qbilt ma' dak li ppretenda Mark Aquilina u zammejt ferm li kelli nigi mhallas kollox. Fil-fehma tieghi dana d-Dokument ED1 juri bl-aktar mod car illi Mark Aquilina bl-ebda mod ma kkontesta l-konteggi tieghi. … Fid-9 ta' Jannar 2008 huwa kien hallasni s-somma ta' €1,500 akkont, liema hlas jinsab debitament registrat fir-rendikonti tieghi.*

Fir-rigward tal-firma fuq id-dokument Dok. AS1 esebit a fol. 150 u 151 tal-process u fuq id-dokument a fol. 161A tal-process, fuq liema firma s-socjetà konvenuta issejjes il-pretensjoni taghha li bi qbil ma' l-attur l-ammont minnha lilu dovut sad-9 ta' Jannar 2008 kien ta' €2,000, l-attur iddikjara li *qed terga' issirli referenza ghad-dokument AS1 a fol. 150 u 151 tal-process, li già ingieb a konjizzjoni tieghi meta xehedt, u nghid li ghalkemm qed naghraf il-firma tieghi fuqu, jiena ma niftakarx li kont iffirmajt dan id-dokument. Jiena nghid li fir-rigward ta' dan il-ftehim qatt ma qbilt mieghu u ghalhekk ma jistax ikun li ffirmajtu. Jiena kont nipprezenta l-kontijiet tieghi lil Mark Aquilina u hu kien ihallasni akkont taghhom. Meta kont nircievi l-hlasijiet, jiena ma kont niffirma ebda ricevuta. Qed nigi muri fotokopja ta' xi rcevuti li qed tigi mmarkata bhala Dok. AS2, qed naghraf il-firma tieghi fuqhom u qed niftakar li kont iffirmajt dawn l-ircevuti. Qed nerga' nara Dok. AS2 u fir-*

[12] Affidavit ta' Marc Aquilina, fol. 162 sa' 167 tal-process.

*rigward tan-notament balance due €2,000 nghid li din in-nota saret wara li nharget l-ircevuta. ... Qed nigi mistoqsi mill-Qorti jekk il-kalligrafija fejn hemm miktub balance due ta' €2,000 fuq id-dokument AS2 hijiex tieghi, nghid li din il-kalligrafija mhijiex tieghi*[13].

Rinfaccjat b'din ic-cahda kategorika ta' l-attur Marc Aquilina, b'referenza ghan-notament fuq id-dokument Dok. AS2, ma setghax jghid jekk in-nota li hemm fuq dak id-dokument *balance due €2,000* kinetx saret mill-attur o meno. In effetti in risposta ghall-mistoqsija *dik il-kitba hijiex ta' Eddie Balzan jew le?* Marc Aquilina wiegeb *ma nafx inwiegbek, ma nafx inwiegbek. Ma nahsibx li hija tieghu fil-fatt. Però ma nafx inwiegbek* u b'referenza ghad-dokument Dok. AS1 – li l-esibizzjoni ta' l-original tieghu giet espressament ordnata mill-Qorti izda ghal xi raguni baqghet ma saritx – ipprova jiggustifika s-sitwazzjoni billi iddikjara li *fittixtu, ghax qabbadt l-accounts department ifittxuh l-originali. Filfatt gejt f'dubju jekk l-originali kontx tajtu lis-Sur Balzan. Ghandi dubju, ma' irridx inkun mija fil-mija, però ghandi dubju jekk dak l-originali, ghax dak konna ghamilnih jien u hu personali fl-ufficcju tieghi u dik il-firma hi awtentika ta' meta poggejna fl-ufficju tieghi. Id-dokument li dahal lura, ghax rajtu, naf ghal liema qed tighidli li qieghed bla firma. Ma nafx kif ma hemmx il-firma ghax konna flimkien meta hu ffirmali ghaliha. ... id-dokument originali li ahna ffirmajna kien bil-firma tieghu, u dan* (ossia d-dokument Dok. "ED1" a fol. 101 tal-process esebit mill-attur) *huwa minsus dan id-dokument, zgur ghax dak jiena ghamiltu, jiena u s-Sur Balzan flimkien dan id-dokument u filfatt kien hemm xi error adjustments ghax jiena fil-fatt iccekkjajtu, kien hemm xi error adjustments li gew irrangati.*

Ghalkemm Marc Aquilina jipprova jiggustifika n-nuqqas ta' esebizzjoni ta' l-original tad-dokument Dok. AS1 billi jikkontendi li l-original ta' dan id-dokument x'aktarx qieghed ghand l-attur u li fil-fatt id-dokument Dok. "ED1", li fih konteggi simili ghal dawk fid-dokument Dok. AS1, huwa mimsus, is-socjetà konvenuta bl-ebda mod ma kkonfrontat lill-attur b'mod dirett b'dawn l-allegazzjonijiet u talbet li jigi ordant jesebixxi l-original tad-dokument Dok. "ED1". Hija semplicement ippruvat tixhet dubju permezz tax-xhieda ta' Marc Aquilina u waqfet hemm, dubju però dan li ma gie bl-ebda mod instawrat fil-Qorti li invece hija konvinta li l-ammont effettivament dovut mis-socjetà konvenuta lill-attur sad-9 ta' Jannar 2008 huwa ta' €5,108.92 kif minnu pretiz u mhux ta' €2,000 kif invece minnha allegat.

Il-Qorti difficilment tista' temmen lis-socjetà konvenuta meta jirrizulta b'mod car li n-notament *balance due €2,000* fuq id-dokument Dok. AS2 taht il-firma ta' l-attur tnizzel wara li l-attur iffirma dak id-dokument u ad insaputa ta' l-istess attur **u** meta d-dokument originali tad-dokument Dok. AS1 baqa' ma giex minnha esebit jew b'mod iehor id-diskrepanza bejn id-dokument Dok. "ED1" u id-dokument Dok. As1 spjegata u gustifikata b'mod konkret.

[13] Kontro-ezami ta' l-attur waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011, fol. 158 u 159 tal-process.

F'dan il-punt il-Qorti tqis li ghandha taghmel referenza ghas-segwenti zewg principji guridici li huma centrali ghall-konsiderazzjoni Minnha appena maghmula u ghall-konsiderazzjonijiet ulterjuri li se taghmel iktar 'l quddiem f'din id-decizjoni fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tas-socjetà konvenuta.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li: *il-piz probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu ikun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu. Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika tal-assunt tal-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrattiva a sensu tal-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficcjenti jew insodisfacenti*[14]. Jigi ulterjorment osservat illi: *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant". Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo"*[15].

B'hekk kemm-il darba s-socjetà konvenuta ma tissodisfax l-imsemmija principji guridici – haga li fil-fatt ma ghamlitx fir-rigward ta' l-ebda aspett tal-kontestazzjonijiet taghha – hija ma tistax tippretendi li l-kontestazzjoni

[14] Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud, Appell Civili 1536/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru 2003.
[15] Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta v. Francis Difesa, Citaz. Nru. 910/89 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2003.

taghha ghat-talba attrici, ossia li l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv, esorbitanti u mhux dovut, tista' tigi milqugha b'success.

Apparte dak kollu già osservat, jigi ulterjorment osservat li fir-rigward tal-pretensjoni attrici s-socjetà konvenuta tikkontendi wkoll li l-ammonti ta' €790 u €536.27 reklamati mill-attur bhala servizzi prestati bejn it-30 ta' Marzu 2009 u d-19 ta' Mejju 2009, ma humiex minnha dovuti ghaliex *tali ammonti gew reklamati mill-attur biss permezz tal-kawza odjerna billi l-istess attur qatt ma kien talab pagament ghal dan l-imsemmi perijodu qabel ma giet intavolata din l-istanza. Inoltre s-socjetà esponenti m'ghandhiex idea ta' fejn twettaq ix-xoghol reklamat mill-attur matul dan l-istess perjodu u dan anke billi dawn l-ammonti baqghu qatt ma gew awtorizzati mill-istess socjetà esponenti*[16]. In sostenn ta' dak allegat mis-socjetà konvenuta Marc Aquilina iddikjara li *s-Sur Balzan qieghed jitlob ukoll l-ammonti ta' €265.31, €829.81, €925.70 u €567.32 ghal servizzi li gew rezi minnu bejn it-2 ta' Frar 2009 u t-28 ta' Marzu 2009, ammontanti b'kollox ghal €2,588.14, liema somma ahna qeghdin naqblu illi hija dovuta lilu. Madanakollu, irrid nghid illi s-Sur Balzan qed jitlob ukoll somma ulterjuri ta' €1,329.29 ghal servizz li huwa qieghed jallega illi ta lil Rainbowmix matul April u Mejju 2009. Irrid nghid illi t-time sheets ta' dawn ix-xahrejn waslu ghandna biss meta saret il-kawza u ghalhekk ma gewx ipprezentati kull hmistax-il gurnata kif kien isir normalment. Minhabba f'hekk, jien ghadni sa' llum ma nafx x'servizzi kien qieghed jaghti matul dawn ix-xahrejn billi huwa qatt ma deher l-ufficju f'dan il-perijodu. Fil-fatt huwa kien qalli li ma kienx qed jigi l-ufficju minhabba xi problemi medici illi kellha l-mara tieghu u dan jien emmintu billi matul is-snin, kemm-il darba huwa kien ikollu jitlaq mill-ufficju ghall-istess ragunijiet. Però din id-data, ir-relazzjoni ta' bejniethna marret lura wara dawn ix-xahrejn. Fil-fatt, mid-dokumenti li huwa pprezenta, jidher is-Sur Balzan stess qieghed jghid illi numru konsiderevoli ta' sieghat matul dawn ix-xhur ghamilhom id-dar, f'cirkostanzi fejn il-ftehim minn dejjem kien – u dejjem hekk mexa s-Sur Balzan – illi l-papar work tieghu kellu jsir minn gewwa l-ufficji taghna ta' Attard*[17].

Hawn ukoll il-Qorti ma hijiex affattu konvinta mill-veracità ta' dawk allegat mis-socjetà konvenuta – tramite x-xhieda ta' Marc Aquilina – u dana in bazi ghal diversi ragunijiet.

Jibda biex jinghad illi fis-16 ta' Novembru 2009, jigifieri ftit xhur wara li l-attur ippresta dawn is-servizzi partikolari ghas-socjetà konvenuta u qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, l-attur kien baghat ittra lil Marc Aquilina fejn tah rendikont tal-pretensjoni tieghu u talbu jeffettwa l-hlas ta' l-istess. F'dan ir-rendikont hemm indikati l-ammont ta' €790.30 rapprezentanti servizzi rezi bejn it-30 ta' Marzu 2009 u l-10 ta' April 2009 – rizultanti dawn mit-*time sheet* esebita a fol. 76 tal-process – u l-ammont ta' €536.27 rapprezentanti

[16] Nota tas-socjetà konvenuta a fol. 95 u 96 tal-process.
[17] Affidavit ta' Marc Aquilina, fol. 162 sa' 167 tal-process.

servizzi rezi bejn is-27 ta' April 2009 u d-19 ta' Mejju 2009 – rizultanzi dawn mit-*time sheet* esebita a fol. 77 tal-process. Ladarba dawn l-ammonti kienu già pretizi mill-attur fis-16 ta' Novembru 2009, il-Qorti difficilment tista' temmen lil Marc Aquilina u per konsegwenza lis-socjetà konvenuta meta jghidu li t-*time sheets* relattivi gew fil-pussess u a konjizzjoni taghhom biss fil-mori tal-proceduri. Wiehed ghandu jistenna li persuna rinfaccjata bi pretensjoni ghall-hlas taghmel il-verifiki taghha u wahda mill-ewwel affarijiet li taghmel huwa li titlob prova u konferma ta' pretensjoni partikolari – f'dan il-kaz partikolari li jigu sottomessi t-*time sheets* relattivi f'waqthom – haga li però ghal raguni ghal kollox inspjegabbli s-socjetà konvenuta donnha tikkontendi li qatt ma ghamlet.

Detto ciò anke kieku stess it-*time sheets in kwistjoni* verament gew a konjizzjoni tas-socjetà konvenuta fil-mori ta' dawn il-proceduri – senjatament fil-15 ta' Novembru 2010, meta gew esebiti mill-attur stess[18] - il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjetà konvenuta tikkontendi li ma setghetx taghmel id-debiti verifiki mir-*records* taghha stess, liema *records* hija obbligata – anke ghal skopjijiet ta' natura fiskali – li zzommhom mhux biss b'mod ordnat izda anke ghal perijodu ta' zmien piuttost twil. Dato ma non concesso li ghal xi raguni s-socjetà konvenuta ma setghetx tramite t-*time sheets* biss tikkonferma fejn u kif sar ix-xoghol – haga din li l-Qorti ma tistax tifhem kunsidrat il-fatt li t-*time sheets* in kwistjoni huma piuttost dettaljati – l-attur esebixxa wkoll kopja mid-*diary* tieghu bl-appuntamenti tieghu, liema notamenti w appuntamenti certament setghu jigu ikkonfermati mis-socjetà konvenuta anke b'semplici riskontru mal-klijenti taghha. Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti tqis li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta, ma tirrizulta l-ebda raguni li tiggustifika n-nuqqas ta' hlas tas-somma ta' €790.30 rapprezentanti servizzi rezi bejn it-30 ta' Marzu 2009 u l-10 ta' April 2009 u s-somma ta' €536.27 rapprezentanti servizzi rezi bejn is-27 ta' April 2009 u d-19 ta' Mejju 2009.

In fine s-socjetà konvenuta tikkontesta wkoll l-ammont ta' spejjez reklamati mill-attur in kwantu tikkontendi li f'dan l-ammont hemm inkluzi spejjez li dwarhom qatt ma kien hemm ftehim ma' l-attur li dawn kellhom jigu lilu rifuzi minnha. Fin-Nota a fol. 95 u 96 tal-process is-socjetà konvenuta tikkontendi li *b'referenza ghall-ammont ta' €995.31 indikat f'dokument Doc. 35 esebit mill-attur, is-socjetà esponenti tirrileva illi dan l-ammont huwa kkontestat billi jirrapprezenta, inter alia, il-valur ta' parts ghal karozza privata ta' l-attur, ta' car hire u ta' hafna spejjez ohra li l-attur qatt ma kien awtorizzat jirkupra minghand is-socjetà esponenti. L-unici ammonti mhux kontestati minn dan id-dokument huma dawk relatati ma' fuel, jekk kemm-il darba l-attur juri ili dawn l-ispejjez gew inkorsi minnu waqt li huwa kien qieghed jaghti s-servizz tieghu lis-socjetà esponenti. Dawr l-ammont ta' €125.69 reklamat mill-attur, rapprezentanti l-valur ta' telephone expenses, is-socjetà esponenti umilment tirrileva illi hija normalment kienet talloka budget lill-istess attur sabiex*

[18] Vide xhieda ta' l-attur a fol. 93 tal-process.

*huwa jkun jista' jutilizza f'telefonati relatati mas-servizzi minnu moghtija, b'dan illi kwalsiasi eccess kellu jithallas mill-istess attur. F'dan is-sens, is-socjetà esponenti titlob lill-attur jispjega aktar dwar dan l-ammont u jesebixxi kopja tal-kont relattiv.*

In sostenn ta' dak affermat mis-socjetà konvenuta, Marc Aquilina ddikjara li *meta ahna konna bdejna naghmlu uzu mis-servizzi tas-Sur Balzan, jien kien ghadni m'inix Direttur ta' dawn il-kumpanniji. Dak iz-zmien, missieri, Emanuel Aquilina, illum mejjet, kien direttur ta' dawn il-kumpanniji flimkien ma' huh li ghadu direttur sa' llum, minkejja li ma tantx jinvolvi ruhu fit-tmexxija tan-negozju. Madanakollu, irrid nipsjega illi ghalkemm, dak iz-zmine, ma kontx ufficjalment Direttur, jiena xorta wahda kont niehu hsieb immexxi dawn il-kumpanniji, u dan billi missieri kien gjà beda jnaqqas mix-xoghol u jhalli hafna mid-decizjonijiet ta' kuljum f'idejja. Irrid nispjega illi l-ftehim li kien intlahaq mas-sur Balzan dwar ir-remunerazzjoni li huwa kellu jircievi ghas-servizzi tieghu, kien jikkonsisti fis-segwenti: 1. Il-hlas ta' Lm4.85, ekwivalenti ghal €11.29, ghal kull siegha ta' xoghol illi huwa jaghmel. 2. Budget ta' Lm10, ekwivalenti ghal €23.39 fix-xahar, ghal wear and tear tal-karozza privata tieghu li huwa kien juza fuq xogholu, pagabbli mal-prezentata ta' l-ircevuti relattivi; 3. Budget ta' Lm10, ekwivalenti ghal €23.29 fil-gimgha ghal fuel ghal karozza tieghu li huwa kien juza fuq xogholu, pagabbli mal-prezentata ta' l-ircevuti relattivi; 4. Budget ta' Lm10, ekwivalenti ghal €23.29 fix-xahar, ghal telefonati li huwa kien jaghmel fuq xogholu, pagabbli mal-prezentata tal-ircevuti jew tal-kont relattiv, skond il-kaz. Qed nesebixxi bhala Dok. MC1* (fol. 168 tal-process) *kopja ta' dokument datat 26 ta' Novembru 2003 li juri n-notamenti teighi f'dan ir-rigward. Irrid nippreciza li Edward Balzan kien beda jaghti s-servizzi tieghu qabel din id-data indikata fuq dan id-dokument, u cioè 26 ta' Novembru 2003. Qabel din id-data, is-Sur Balzan kien jithallas biss tas-sieghat ta' xoghol illi huwa jaghmel. Izda maz-zmien huwa kien talab illi jibda jithallas ukoll ta' telefonati, petrol u anke wear and tera tal-karozza tieghu. Kien ghalhekk illi ahna konna qbilna fuq il-figuri indikati fuq dan id-dokument. Dan id-dokument huwa wiehed intern tal-kumpanniji, u ghalhekk huwa ffirmat minni biss. Dan id-dokument jien kont ghaddejtu lill-impjegati fis-sezzjoni ta' l-accounts tal-kumpanniji taghna – li dak iz-zmien kienu f'idejn certu Ottavio Suda u Paul Azzopardi – sabiex huma jkunu jistghu jahdmu l-ammonti li huma dovuti lis-sur Balzan, skond il-ftehim li kien intlahaw kif ghandi kif spjegat*[19].

Fir-rigward ta' dan id-dokument li skond Marc Aquilina jikkostitwixxi l-ftehim milhuq bejnu ghas-socjetà konvenuta u l-attur, in kontro- ezami waqt is-seduta ta' l-10 ta' Lulju 2012[20] l-istess Aquilina ddikjara li *dak huwa agreement li konna ghamilna jien u Eddie Balzan direttament fl-ufficcju tieghi fejn konna qbilna ghax kien hemm xi disgwid bejn l-accounts*

[19] Affidvait ta' Marc Aquilina, fol. 162 sa' 167 tal-process.
[20] Fol. 183 sa' 187 tal-process.

*department u mieghu ghax ma jaqblux fuq xi sieghat, ghandux jithallas tal-mobile, tal-fuel u affarijiet hekk u dakinhar illistjajna kif ser jithallas biex nipprecizaw, ghamilna dan id-dokument u jien ghaddejtu lil certu Ottavio Suda u Paul li dak iz-zmien kienu jahdmu fl-accounts department biex ihallsu skond dan id-dokument.* Mistoqsi ghaliex id-dokument in kwistjoni mhux iffirmat ukoll minn Edward Balzan, Marc Aquilina rrisponda *ma niftakarx hux. Mela ahna dakinhar konna fl-ufficcju tieghi, qeghdin naqblu x'qeghdin naghmlu. Illistjat kif ser jithallas, ghamlit dan id-dokument biex ghaddejtu lil Ottavio Suda li dak iz-zmien kien fl-accounts department, kif ghandu jithallas Eddie Balzan.*

F'dan ir-rigward ukoll il-Qorti ma ssib ebda riskontru ta' verità f'dak affermat minn Marc Aquilina u mis-socjetà konvenuta u dana billi: (i) fl-ewwel lok, filwaqt li fl-affidavit tieghu Marc Aquilina jghid li l-ftehim sar peress illi l-attur maz-zmien talab li jithallas ta' certa spejjez ukoll oltre ghas-servizzi prestati, in kontro-ezami ta versjoni differenti u ddikjara li dan il-ftehim kien necessarju peress illi kien hemm disgwidi bejn l-accounts department tal-kumpannija u l-attur dwar xi hlasijiet kellhom jigu effettwati lilu; (ii) fit-tieni lok, ghalkemm is-socjetà konvenuta u Marc Aquilina jishuq li d-dokument Dok. MC1 kien il-**ftehim** ma' l-attur, dan id-dokument bl-ebda mod ma jista' jitqies li jikkostitwixxi ftehim veru u proprio u dan ghar-raguni li ma fihx il-firma ta' l-attur izda fih biss firma ta' Marc Aquilina. Sia jekk dan id-dokument gie redatt biex tigi kristalizzata talba ta' l-attur u iktar u iktar jekk gie redatt biex jigu risolti disgwidi bejn l-attur u s-socjetà konvenuta dwar it-talbiet ghall-hlas u refuzjoni li kien qed jaghmel, logikament u guridikament huwa mistenni li dak id-dokument jigi ffirmat minn entrambe l-partijiet biex ikun ghal kollox vinkolanti.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk hija iktar verosimili l-versjoni moghtija mill-attur u cioè li ma' Emanuel Aquilina, li kien il-persuna li ghan-nom tas-socjetà konvenuta kien inkariga lill-attur biex jippresta s-servizzi tieghu, il-ftehim kien *li kelli nithallas bir-rata ta' €11.29 fis-siegha (eskluz il-VAT), b'dana illi kelli nigi rimborsat ukoll tas-segwenti spejjez li kont nidhol fihom sabiex inwettaq l-imsemmi xoghol: fuel, kiri ta' vettura, hsarat fil-vettura, spejjez ta' servicing tal-vettura tieghi u telephone calls*[21].

**Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li l-attur huwa effettivament kreditur tas-socjetà konvenuta fl-ammont ta' €10,768.13 u li tali ammont ghandu jigi lilu mhallas mill-imsemmija socjetà**.

Jigi osservat illi s-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzjoni ulterjuri li l-attur ghandu fil-pussess tieghu apparat li huwa proprjetà taghha minghajr il-kunsens jew peremss taghha, fosthom *laser range metre* tad-ditta 'Hilti' u *digital camera* tad-ditta 'Sony', li flimkien ghandhom valur

[21] Affidavit ta' l-attur, fol. 26 sa' 28 tal-process.

komplessiv ta' €2,608, liema valur ghandu skontha jigi mnaqqas minn kwalunkwe somma li il-Qorti tiddeciedi li hija minnha dovuta lill-attur.

L-attur jammetti li ghandu fil-pussess tieghu l-*laser range metre* tad-ditta 'Hilti', li skond stima mahruga mid-ditta 'Hilti' jiswa' €665 (bil-VAT inkluza), izda kategorikament jichad li ghandu fil-pussess tieghu *digital camera* tad-ditta 'Sony' appartenenti lis-socjetà konvenuta. Huwa jikkontendi li huwa se jzomm dan il-*laser range metre* fil-pussess tieghu sakemm is-socjetà konvenuta thallsu dak lilu dovut ghas-servizzi minnu lilha prestati u ghall-ispejjez minnu inkorsi fit-twettiq ta' tali servizzi. Ghalkemm is-socjetà konvenuta tippretendi li l-valur ta' l-apparat f'idejn l-attur ghandu jitnaqqas mis-somma li qual' volta hija tigi kkundannata thallsu, tali pretensjoni hija guridikament insostenibbli stante li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz – peress li hemm rabta bejn l-apparat mizmum mill-attur u l-kreditu minnu pretiz – l-attur ghandu favurih il-*ius retentionis* fuq tali apparat sakemm effettivament jithallas minghand is-socjetà konvenuta. Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **DBC Limited gjà D. Burke Company Limited v. John Attard, Citaz. Nru. 2179/99** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003: *illi dwar il-jedd ta' kreditur li jzomm il-haga tad-debitur fil-pussess tieghu, jinghad li l-ligi taghna taghti gharfien limitat f'dan ir-rigward: madanakollu torbot il-jedd taz-zamma tal-haga ma' l-ezistenza ta' jedd moghti mill-Ligi. Fi kliem iehor, mhux kull min jemmen li ghandu jedd jitnissel favurih il-ius retentionis: tali jedd irid ikun moghti lilu espressament mill-Ligi. Dan ghaliex id-dritt taz-zamma huwa meqjus bhala 'una forma di autotutela e di legittima difesa ... consentito soltanto nei casi espressamente previsti, in cui il legislatore ha ritenuto, perchè ragioni speciali giustificavano la tutela del creditore, di derogare al principio che l'ordinament giuridico non permette ai singoli di farsi giustizia da se'.* ***Illi, madanakollu, ghalkemm il-jus retentionis huwa meqjus bhala istitut ta' ghamla eccezzjonali li jorbot biss fejn il-Ligi espressament tistabilih, mhux kulhadd jilqa' l-fehma li d-dritt taz-zamma ma jistax japplika ghal kazijiet orhajn li jhaddnu l-istess kundizzjonijiet essenzjali bhal dawk espressament imsemmija mil-Ligi. Dan japplika wkoll fejn ikun hemm rabta bejn il-haga mizmuma u l-kreditu tal-persuna li tippretendi li tista' tibqa' zzomm dik il-haga***[22]*. Jidher li l-fehma hija li fil-ligi taghna minkejja li d-dritt ta' ritenzjoni m'huwiex minnu nnifsu jedd ta' privilegg jew kawza ta' prelazzjoni, l-istess kawzi ta' preferenza ma jnaqqsu xejn mis-sahha ta' tali jedd fejn japplika. Jidher ghalhekk li, fejn il-ius retentionis japplika, dan jista' jigi oppost kontra t-terzi persuni li jkollhom interess fil-haga mizmuma u mhux biss kontra d-debitur li minghandu l-haga ghaddiet ghand il-kreditur.*

Il-Qorti ghalhekk ittenni li s-socjetà konvenuta hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' €10,768.13, liema somma ghandha tigi minnha mhallsa lilu.

---

[22] Enfasi tal-Qorti.

Trattata t-talba attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta, jehtieg issa tigi trattata l-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta fil-konfront ta' l-attur.

Kif già iktar 'l fuq osservat, is-socjetà konvenuta tikkontendi li l-attur huwa debitur taghha fis-somma ta' €11,646, ammont ridott minn somma akbar, rapprezentanti il-prezz ta' hazna ossia *warehousing* ta' ingenji u vetturi gewwa Wied Incita, Rabat Road, Attard, fuq talba w a beneficcju ta' l-attur minn Awwissu 2001 sa' llum. L-attur jirribatti t-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta bl-eccezzjoni preliminari li din it-talba hija proceduralment insostenibbli stante li ma jezistux ic-cirkustanzi kontemplati mill-Artikolu 396 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *fil-kawzi, il-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jinghad hawn taht: (a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur; jew (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha*. Minn qari ta' dan l-artikolu tal-Ligi jirrizulta b'mod car li l-eccezzjoni preliminari ta' l-attur versu t-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta hija guridikament infondata u insostenibbli.

Indipendentement mill-fatt jekk il-pretensjoni tas-socjetà konvenuta hijiex gustifikata o meno – ghaliex din hi kwistjoni li ghandha tigi trattata meta jkun qed jigi trattat il-mertu tal-Kontro-Talba – huwa ferm evidenti li l-iskop tas-socjetà konvenuta wara l-Kontro-Talba taghha huwa li ggib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur billi anke jekk fl-azzjoni principali jigi deciz li huwa kreditur taghha, hija tikkontendi li hija kreditrici tieghu f'ammont akbar. Dan il-fatt gie rikonoxxut mill-attur stess li fir-raba' eccezzjoni tieghu ghall-Kontro-Talba jikkontendi li *qatt ma kien miftiehem li kellu jigi mwettaq xi forma ta' hlas ossija korrispettiv ghat-tqeghid ta' l-ingenji, tant li l-ewwel darba li saret tali talba kien biss mal-prezentata tat-talba rikonvenzjonali.* ***Huwa evidenti ghall-ahhar li t-talba rikonvenzjonali giet ivvintata biex sabiex is-socjetà Rainbowmix Concrete Limited tittanta ixxejjn it-talba legittima u gustifikata avvanzata minn l-esponenti fil-konfront ta' l-istess Rainbowmix Concrete Limited sabiex thallas l-ammonti hemm specifikati[23].*** Fid-dawl ta' tali affermazzjoni u fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 396(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa bilwisq evidenti li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attur, il-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta ma hijiex proceduralment improponibbli.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia v. Alexandra Farrugia,**

---

[23] Enfasi tal-Qorti.

**Citaz. Nru. 924/97** deciza fis-6 ta' Marzu 2003[24]: *illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba huwa sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed, u b'hekk jigu evitati multiplicità ta' kawzi bejn l-istess persuni, l-interpretazzjoni ta' l-istess artikolu ghandha tkun wahda estensiva, imbasta l-bazi ta' l-istess tigi rispettata u mhux znaturata. Illi ghalhekk fl-interprettazzjoni tal-fonti ta' origine ta' l-istess kontro-talba, u cioè il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn ghandhom dejjem jigu interpretati fil-kumpless ta' cirkostanzi li jaghtu hajja ghall-kawza u li jifformaw il-bazi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-legislatur peremzz ta' sub-artikolu (2) jestendi l-istess ghal kull mezz li bih l-azzjoni attrici tigi estinta jew l-effetti taghha jigu newtralizzati. Illi dan kollu ghaliex 'la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi' (Nicholas Ellul et v. Mary Cutajar et, P.A. (FGC) – 15 ta' Mejju 1998). Illi konsistentement mal-premess, gew ammessi kontro-talbiet anke meta l-azzjoni attrici hija wahda kambjarja, bil-limitazzjoni ta' l-eccezzjonijiet li l-istess kawza timponi u dan proprju abbazi ta' l-artikolu 396(2) (Guillaumier Industries Limited v. Victor Vella et, RCP – 4 ta' Dicembru 1998). Illi dan kollu huwa konformi mal-gurisprudenza prezenti li biha l-formalizmu esagerat ghandu jigi eliminat ghal kollox, b'dan li wiehed ghandu jaghti hafna aktar importanza ghas-sustanza milli ghall-forma, u ghandu jsir kull tentattiv sabiex jigu salvati l-atti giudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intizi ghal tali skop, u in effetti ikkanonizzaw il-gurisprudenza moderjna u konstanti ta' l-ahhar snin.*

Fid-dawl ta' dan appena osservat jirrizulta ghalhekk li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-attur ghall-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta – ossia l-ewwel eccezzjoni tieghu – ghandha tigi michuda.

Trattata l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-attur, il-Qorti se tghaddi biex tittratta l-Kontro-Talba fil-mertu. Ghalkemm l-attur jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kontra l-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta, il-Qorti hi tal-fehma li qabel ma tidhol f'din il-kwistjoni ghandha l-ewwel qabel kollox tidderemina jekk verament is-socjetà konvenuta ghandhiex jedd ghall-hlas ta' *warehousing* ta' ingeni f'Wied Incita, Rabat Road, Attard, li skontha sar u talba w a beneficcju ta' l-attur, fatt dan kontestat mill-attur bir-raba' eccezzjoni tieghu ghall-Kontro-Talba.

Fir-rigward tal-pretensjoni tas-socjetà konvenuta l-attur jikkontendi li *l-ewwel darba li qatt ircevejt talba ghal hlas f'dak is-sens kien meta ircevejt il-kopja tal-kontro-talba. Fil-fatt kien Manwel Aquilina nnifsu li offrieli li nhalli l-ingenji ghandu f'Ha' Attard meta kont ghidtlu li ma kellix fejn inpoggihom. Jiena kelli relazzjoni tajba ferm ma' Manwel Aquilina, u fil-fatt qatt ma gejt mitlub inhallas xejn. Li kieku kont ser nigi mitlub inhallas, l-ingenji kont nibghathom sabiex jigu scrapped. Illum il-gurnata dawn l-ingenji lanqas biss*

[24] Ikkonfermata – hlief ghall-kap ta' l-ispejjez – mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 2005.

*ma naf x'sar minnhom, anke peress li xi zmien ilu kont gejt mgharraf li kienu ser jiddisponu minnhom*[25]*.*

Marc Aquilina, ghas-socjetà konvenuta, jirribatti billi jikkontendi li *Rainbowmix ghamlet kontro-talba fil-konfront tas-Sur Balzan fl-atti tal-kawza li huwa ghamel kontra taghha sabiex tithallas il-prezz ta' hazna ta' diversi ingenji u vetturi, proprjetà tas-Sur Balzan, li ghadhom sa' illum jinstabu gewwa l-barriera taghha gewwa Attard. Fil-fatt dawn l-ingenji tpoggew gewwa l-barriera taghna, fuq talba tas-Sur Balzan stess billi huwa ma kellux fejn ipoggihom, f'Awwissu tas-sena 2001. Jien nichad kategorikament illi ahna kellna xi ftehim mas-Sur Balzan illi huwa ma jhallasx ta' din il-hazna. Dwar dawn l-ingenji nixtieq nghid dan illi gej. Huwa veru li ahna qatt ma konna ftehmna fuq xi rata partikolari ghal din il-hazna però s-Sur Balzan kien qalilna wkoll illi dawn kien ser iqieghdhom gol-barriera ta' Rainbowmix ghal zmien qasir biss. Fil-verità dawn l-ingenji però ghadhom hemm sa' llum, anke jekk maz-zmien is-Sur Balzan kien anke biegh xi affarijiet minnhom. Jien stagibt meta qrajt ix-xhieda tas-Sur Balzan fejn qal illi huwa kien lahaq xi ftehim maghna illi huwa ma kellu jhallas xejn ta' din il-hazna, minkejja illi jezistu diversi ingenji, fosthom tower crane, land rovers, gafef u trakkijiet li qed jiehdu certu spazju. Bhalma huwa kien jithallas tas-servizzi li kien jaghtina, Rainbowmix tippretendi li ghandha tithallas tas-servizzi li hija tat lilu, kif anke gara lejn il-bidu ta' l-2007 meta kienet ghamlet xi xoghlijiet ta' kostruzzjoni ghand it-tifel tieghu. F'dan il-kaz kien sar set off ma' dak illi kien dovut lis-Sur Balzan, kif jixhed id-dokument li esebejt bhala Dok. MC3. Is-Sur Balzan fil-kawza li huwa ghamel talab kull spiza, anke jekk relatata ma' l-uzu privat tal-karozza tieghu, u dan kif ammetta huwa stess fix-xhieda tieghu. Ghalhekk ma nistax nifhem kif is-Sur Balzan qieghed jippretendi illi l-hazna ta' l-ingenji u makkinarju li qed issir fil-barriera ta' Rianbowmix m'ghandhiex prezz. Naturalment l-ammont totali li huwa dovut mis-Sur Balzan ghal hazna li bdiet minn Awwissu ta' l-2001 sa' llum huwa ferm akbar mis-somma ta' €11,646 li qed titlob Rainbow fil-kontro-talba taghha. Biss biss irid jinghad illi jekk wiehed jaqsam l-imsemmija somma ta' €11,646 fuq l-ahhar hames snin qabel il-prezentata ta' l-istess kontro-talba, din tammonta biss ghas-somma ta' €194.10 fix-xahar ghal ingenji li qeghdin jiehdu hafna u hafna spazju. Huwa piuttost car u manifest illi Rainbowmix qed izzomm ferm inqas mir-rata kummercjali stabbilits ghal hazniet ta' dan it-tip*[26]*.*

Meta x-xhieda ta' l-attur u x-xhieda ta' Marc Aquilina jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji guridici li jirregolaw l-istitut tad-depozitu volontarju – ghaliex fl-ahhar mill-ahhar hawn si tratta ta' depozitu volontarju – jirrizulta li hija iktar kredibbli u versosimili l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur milli kif moghtija minn Marc Aquilina u per konsegwenza mis-socjetà konvenuta.

---

[25] Affidavit ta' l-attur, fol. 26 sa' 28 tal-process.
[26] Affidavit Marc Aquilina, fol. 162 sa' 167 tal-process.

A tenur ta' l-Artikolu 1892(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *id-depozitu hekk proprjament imsejjah huwa kuntratt gratuwitu, bla hsara ta' kull ftehim kuntrarju.* Minn dan il-provvediment tal-Ligi huwa ferm evidenti li d-depozitu huwa min-natura tieghu kuntratt gratuwitu u l-kuntrarju jista' jigi ppruvat biss bi prova konkreta u sodisfacenti, prova li fil-kaz in ezami bl-iktar mod assolut ma saritx da parte tas-socjetà konvenuta. In effetti mix-xhieda ta' Marc Aquilina huwa evidenti li qatt ma kien hemm ftehim ta' hlas ta' korrispettiv ghall-hazna ta' l-ingenji ta' l-attur da parte tas-socjetà konvenuta u dana b'mod partikolari meta Marc Aquilina jghid li qatt ma giet mifthema ebda rata ghal tali hazna. Apparte minn hekk jirrizulta bic-car li din il-pretensjoni tas-socjetà konvenuta giet avvanzata biss in reazzjoni ghat-talba attrici u fil-fatt Marc Aquilina stess jghid li la l-attur jippretendi li jithallas ghall-ispejjez kollha inkorsi minnu, allura s-socjetà konvenuta ghandha d-dritt tithallas ghall-hazna ta' l-ingenji in kwistjoni. Fattur iehor li juri bic-car li qatt ma kien hemm ftehim ta' hlas ghall-hazna ta' dawn l-ingenji huwa dak li qatt ma saret tpacija bejn dan l-allegat korrispettiv ma' l-ammonti minn zmien ghal zmien imhallsa lill-attur ghas-servizzi pretasti lis-socjetà konvenuta.

Detto ciò id-depozitarju ghandu certa drittijiet fir-rigward tad-depozitant anke jekk id-depozitu kien wiehed purament gratuwitu. L-Artikolu 1918 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *d-depozitant ghandu jrodd lid-depozitarju l-hlas ta' l-ispejjez li dan ikun ghamel biex jikkonserva l-haga ddepozitata, u ghandu jikkumpensah tat-telf kollu li jkun gieblu d-depozitu.* Naturalment dan il-jedd tad-depozitarju ghandu jkun debitament sorrett bi provi sodisfacenti ossia: (i) li huwa effettivament ghamel spejjez ghall-konservazzjoni tal-haga depozitatata ghandu – prova li fil-kaz in ezami assolutament ma saritx mis-socjetà konvenuta; u (ii) li huwa effettivament sofra telf b'kawza ta' dan id-depozitu – ghalkemm Marc Aquilina jikkontendi li dawn l-ingenji jokkupaw parti sostanzjali tal-barriera tas-socjetà konvenuta huwa xorta wahda ma ressaqx prova sodisfacenti tat-telf li dan id-depozitu seta' ikkawza lill-imsemmija socjetà. Anke r-rata li qed jitlob bhala kumpens ghall-ingombru ta' parti mill-barriera tidher li hija sparata fl-ajru ghaliex is-somma ta' €11,646 ma hijiex l-ammont pretiz fuq medda ta' hames snin (il-hames snin dahlu fix-xena minhabba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur) imma hija l-pretensjoni ghal ben tmien snin u nofs hazna ta' l-ingenji. Il-mod kif Marc Aquilina kkwantifika l-pretensjoni tas-socjetà konvenuta juri bic-car li din l-istess pretensjoni hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

Isegwi ghalhekk li l-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Raggunta din il-konkluzzjoni l-Qorti tqis li ma ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-attur ghall-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta, ossia ma ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tat-titolu ta' proprjetà tas-socjetà konvenuta fuq il-proprjetà Wied Incita, Rabat Road, Attard, u lanqas ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-

preskrizzjoni o meno tat-talba attrici. Ghaldaqstant tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta ghat-talba attrici, tilqa' l-istess talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €10,768.13, bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta' Jannar 2010 (id-data tal-prezentata tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-socjetà konvenuta) sad-data ta' l-effettiv pagament;
2. Tichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-attur ghall-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tielet eccezzjonijiet sollevati minnu izda tilqa' r-raba' eccezzjoni sollevata mill-attur ghall-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta; u
3. Konsegwentement tichad il-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta fil-konfront ta' l-attur.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat fit-8 ta' Jannar 2010, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**